**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 24 ta' Settembru 2019**

**Talba Nru: 230/18 CZ**

**Nicolette Mahoney f'isimha propju u f'isem Ryan Mahoney u Kurt Mahoney ukoll fil-kapacita' taghhom ta' eredi tal-mejjet Kevin Mahoney li kien jezercita l-professjoni ta' accountant permezz ta' Mahoney & Co.**

**vs.**

**Mambo Construction Ltd. (C-42101)**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba ta' l-atturi mressqa fil-21 ta' Mejju 2018 li biha talbu lis-socjeta' konvenuta:

1. Thallas il-bilanc ta' elfejn tliet mija u erbgha Euro u erbgha u hamsin centezmu (€2,304.54) rapprezentanti bilanc pendenti fir-rigward ta' servizzi

ta' accountancy rezi lilek minn Mahoney & Co. abbazi l-istatement hawn anness u mmarkat bhala Dok. A.

2. Illi l-ammont fuq imsemmi ta' €2,304.54 jikkomprendi s-ervizzi ta' accounting u auditing, li jinkludu, inter alia, audits, management accounts, u tax returns fost ohrajn rezi lilek kif indikat fl-imsemmi statement;
3. Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet, anke permezz ta' ittra ufficcjali tas-26 ta' Mejju 2017 bin-numru 1097/17, is-socjeta' intimata baqghet ma hallsitx il-bilanc kif mitlub, u ghalhekk kellha ssir din it-talba.
4. Ir-rikorrenti qieghda titlob ukoll il-hlas tal-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data tas-26 ta' Mejju 2017 sal-hlas effettiv flimkien mal-ispejjez, inkluz tal-istess ittra ufficcjali.

Bl-ispejjez.

Ra r-risposta tas-socjta' konvenuta mressqa fil-15 ta' Gunju 2018 li permezz taghha eccepiet:

1. It-talba waqghet bil-preskrizzjoni b'gheluq ta' sentejn skond l-artiklu 2149 (c) tal-Kodici Civili.
2. Minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, l-ammont ma huwiex dovut minhabba li x-xoghol li sar mis-socjeta' Mahoney & Co ma kienx skond il-professjoni u minhabba n-negligenza ta' din is-socjeta', il-konvenuti garrbu multi mill-awtoritajiet kompetenti.
3. Minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet imsemmija saru xi hlasijiet imma kien hemm ukoll tahwid ta' invoices fuq kumpaniji differenti tal-istess konvenuti.
4. Bl-ispejjez.

It-Tribunal:

Ra l-atti;

Sema' x-xiehda;

Sema' t-trattazzjoni tal-abbli avukati difensuri;

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

It-Tribunal qies ix-xiehda ta' Gioacchino Scerri[1], David Pace[2], u l-attrici[3].

Ikkunsidra:

Illi s-socjeta' konvenuta qed teccepixxi l-preskrizzjoni ta' sentejn, skond l-Artiklu 2149 (c) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, li jipprovdi:

> 2149. L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn:
>
> *omissis*
>
> (ċ) l-azzjonijiet tal-avukati, prokuraturi legali, nutara, arkitetti u inġinieri ċivili, u persuni oħra li jeżerċitaw professjonijiet jew arti liberali oħra, għad-drittijiet tagħhom u għall-ispejjeż li jkunu għamlu;

[1] Affidavit a fol. 21 et seq
[2] Fol. 34A
[3] Fol. 35

Illi l-professjoni ta' accountant u awditur, bhal dik in kwestjoni taqa' pjenament ghalhekk taht is-sub-artikolu citat mis-socjeta' konvenuta. Imiss izda illi jigi mistharreg jekk fil-fatt huwiex minnu li l-azzjoni attrici ma tistax tigi proposta minhabba l-preskrizzjoni.

Illi l-unika prova li gabet is-socjeta' konvenuta kienet bl-affidavit ta' Gioacchino Scerri, li xehed dwar id-data tal-invoices mibghuta mid-ditta Mahoney & Co, u qabbel dawn mad-data tal-ittra ufficcjali li ntbaghtet biex tinterpellahom ghall-hlas, u qal li s-socjeta' konvenuta giet notifikata bl-ittra ufficcjali sentejn u nofs wara li s-socjeta' konvenuta intbaghtulha l-invoices. It-Tribunal josserva li fattwalment dan mhux ghal kollox minnu, ghaliex filwaqt li verament ghaddew sentejn u nofs mill-ewwel invoice, mir-raba' u l-ahhar invoices izda kienu lanqas ghadhom ghaddew sentejn.

Illi fuq din il-kwistjoni tal-preskrizzjoni, David Pace, l-awditur li ha hsieb il-kontijiet tas-socjeta' konvenuta wara li gie nieqes Kevin Mahoney, xehed illi Keith Scerri, bin Jack Scerri, it-tnejn mis-socjeta' konvenuta, kien qallu sabiex jigu saldati l-pagamenti li kien ghad hemm dovuti mis-socjeta' konvenuta favur Kevin Mahoney, kien ghad jonqos biss 'il-firma ta' missieru, Jack Scerri, fuq ic-cheque'. Dan il-kliem intqal fl-4 t'April 2016. Keith Scerri kien ipprezenta ruhu bhala l-parti responsabbli mill-kontijiet tal-kumpanija, ghaliex fuq hekk kien ikellem lix-xhud David Pace. Il-punt ta' kuntatt fis-socjeta' konvenuta kien l-istess Keith Scerri.

Illi l-attrici xehdet illi l-istess David Pace, kien qalilha wkoll b'dan il-kliem li kien qallu Keith Scerri, u cioe' li c-cheque bil-hlas relattiv ghas-servizzi li nghataw lis-socjeta' konvenuta kien ghad jonqsu biss il-firma ta' Jack Scerri. L-istess attrici xehdet illi kienet kellmet anke lil Jack Scerri, id-direttur tas-socjeta' konventua, u dan qalilha li kien ha jiffirma c-cheque relattiv.

Illi t-Tribunal jikkunsidra illi lil hinn mill-moghdija taz-zmien u mill-kalkoli li saru bejn il-prezentata tal-invoices mid-ditta Mahoney & Co u l-prezentata tal-ittra ufficcjali, il-punt krucjali kien l-ammissjoni li saret da parti ta' Keith Scerri fl-4 t'April 2016, iktar tard konfermata minn Gioacchino sive Jack Scerri bit-telefon mal-attrici, fis-sens li dan l-ammont huwa dovut. Meta l-istess Keith Scerri informa lil David Pace li kien ghad jonqos biss il-firma ta' Jack Scerri fuq ic-cheque tal-hlas relattiv, dan ma kien ifisser xejn aktar ghajr li kien qed jigi rikonoxxut li l-hlas kien dovut. Ghaldaqstant, u in vista ta' dak imsemmi hawn fuq, it-Tribunal iqis li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ma tisthoqqx li tintlaqa'.

Illi dwar it-tieni u t-tielet eccezzjoni, u cioe' fl-ewwel lok li x-xoghol minn Mahoney & Co ma sarx skond il-professjoni u li fit-tieni lok saru xi hlasijiet imma kien hemm tahwid ta' invoices, is-socjeta' konvenuta dwar dan assolutament ma ggib ebda prova. Ghalkemm ma' l-affidavit ta' Gioacchino Scerri hemm annessi xi dokumenti li jirriflettu multi tat-taxxa u taxxa addizzjonali, bl-ebda mod ma gie pruvat li dawn il-multi huma kagun tal-fatt li d-ditta Mahoney & Co imxiet b'mod negligenti jew mhux skond il-professjoni. Dan iktar u iktar meta l-istess Jack Scerri xehed dwar multi li garrbet is-socjeta' konvenuta lura fl-2012, meta d-ditta Mahoney & Co kienet ghadha lanqas biss giet inkarigata biex taghti s-servizzi taghha.

Illi in kwantu wkoll ghall-eccezzjoni li kien hemm xi tahwid ta' invoices, ma saret l-ebda prova dwar dan l-allegat tahwid. Ghall-kuntrarju, Jack Scerri fl-affidavit tieghu jirrikonoxxi illi kien hemm erba' (4) invoices b'kollox, kif sostnew ukoll l-atturi (tant li esebewhom mat-talba promotrici). Ghalhekk it-Tribunal ma jirrizultalux li kien hemm xi tahwid f'invoices kif allegat mis-socjeta' konvenuta, u lanqas din l-eccezzjoni ma tisthoqq li tigi milqugha. L-attrici tat rendikont akkurat tas-servizzi li tat id-ditta Mahoney & Co., li ma gie bl-ebda mod kontradetta, tant li l-ebda kontro-ezami ma sarilha, u t-Tribunal m'ghandu l-ebda raguni ghalfejn ir-rendikont li tat l-attrici m'ghandux jitwemmen.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, jilqa' t-talba tal-atturi u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta' elfejn tliet mija u erbgha Euro u erbgha u hamsin centezmu (€2,304.54), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez ghandhom jithallsu kollha mis-socjeta' konvenuta.

**Dr. Claudio Żammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur